MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 867/2002/1

**Baruni Enterprises Limited**

**vs**

**Dean Camilleri**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fil- 5 ta' April, 2002, fejn intalab il-hlas ta' elf u sitta u ghoxrin lira Maltin u sitta u sebghin centezmu (Lm1026.76) rapprezentanti d-danni in kwantu ghal disghin lira Maltija (Lm90) lilu mislufa mis-socjeta' attrici fl-ewwel ta' Settembru,**
**Illi l-konvenut naqas milli jhallas lura wkoll is-somma ta' hames mija tlieta u disghin lira Maltija, u ghoxrin centezmu (Lm593.20), rapprezentanti hlas ghal kunsinna ta' xoghol li l-istess konvenut kien gabar waqt il-qadi ta' dmirijietu bhala salesman impjegat mas-socjeta' attrici, somma liema b'negligenza tal-**

**istess konvenut, ammessa mill-istess, insterqet minghandu bejn April u Mejju 2000;**

**Illi l-konvenut naqas milli jhallas lura s-somma ta' mija tlieta u disghin Lira Maltija, u sitta u hamsin centezmu (Lm193.56) somma rapprezentanti ta' hlas ghal kunsinna ta' xoghol li l-konvenut kien gabar waqt li kien impjegat bhala salesman ma' l-imsemmija socjeta' u ghalkemm kien gie interpellat huwa baqa' in adempjenti;**

**Illi l-konvenut naqas milli jhallas lura s-somma ta' mija u hamsin lira Maltija (Lm150), somma rapprezentanti *excess* ta' *insurance cover* li kellu jithallas wara li l-konvenut habat b'van tas-socjeta' attrici waqt qadi ta' dmirijietu f'hin tax-xoghol mal-istess socjeta';**

**Bl-ispejjez u l-imghax legali kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut ippprezentata fl-24 ta' April, 2002 fejn intqal illi:**
**1. Illi fl-ewwel lok jigi dikjarat illi ma hemmx kontestazzjoni dwar l-ewwel u t-tielet talba, tant illi l-ammont kumplessiv ta' Lm283.56 jinsabu depozitati taht l-awtorita' tal-Qorti permezz ta' cedola numru 645/02.**
**2. Illi fir-rigward tal-ammonti msemmija fit-tieni u raba paragrafi, u cioe' Lm593.20 u Lm150, dawn ma humiex dovuti u ghaldaqstant dan it-Tribunal ghandu tichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici, u dan ghal ragunijiet li ser jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**
**3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-Ligi.**

**Semgha x-xhieda ta' Sandro Bianco, Dean Camilleri. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Illi din il-kawza qed issir mis-socjeta' attrici sabiex ex impjegat taghha, li huwa l-konvenut, jirrifondilha:**
**a. disghin lira mislufa lilu fl-ewwel ta' Settembru 2000;**
**b. Hames mija u tlieta u disghin lira u ghoxrin centezmu (Lm593.20) somma li nsterqitlu waqt ix-xoghol bejn April u Mejju 2000;**

**c. Mija u tlieta u disghin lira u sitta u hamsin centezmu (Lm193.56) somma ghal xoghol konsenjat liema somma kien gabar il-konvenut;**
**d. Mija u hamsin lira (LM150) *excess* ta' *insurance cover* imhallsa wara li l-konvenut allegatament habat bil-van tas-socjeta' attrici.**
**2. Il-konvenut mhux qed jikkontesta dwar l-ammont ta' mitejn tlieta u tmenin lira sitta u hamsin centezmu (Lm283.56) riferibilment ghal dan li hemm indikat fil-paragrafi A u C hawn fuq, liema somma giet depozitata l-Qorti, cedola numru 645/02.**
**Il-konvenut qed jikkontesta t-talbiet l-ohra.**
**3. Mix-xhieda jirrizulta li l-konvenut kien impjegat mas-socjeta' attrici bhala salesman u kien isuq il-van tal-kumpanija.**
**4. Sandro Bianco, derigent tas-socjeta' attrici jghid li fis-sena elfejn kienet saret serqa mill-van li kellu l-konvenut, liema serqa saret is-Swatar, u kienu nsterqu flus u mobile. L-istess xhud ighid li l-konvenut kien imwissi biex ma jhallix flus fil-van. Bianco qal ukoll li ppruvaw ighinu lill-konvenut billi jaslu ghal pagament ta' nofs l-ammont u dana peress illi l-paga tal-konvenut ma kienetx gholja. Il-konvenut, skond Bianco, kien accetta, pero' ma hallasx.**

**5. Il-konvenut jikkonferma li saret serqa mill-van billi kissrulu l-**

**hgiega. Pero' l-konvenut jichad li kellu direttiva biex ma jzommx flus fil-van.**

**6. Il-konvenut kellu f'idejh flus tal-kumpanija. Fir-rigward, l-unika nuqqas li dan it-Tribunal li qed isib fil-konfront tal-konvenut, huwa l-fatt illi hu, li kellu f'idejh flus tal-kumpanija naqas meta halla dawn il-flus in kustoditi fil-van u dana bil-lejl. Kien dmir tal-konvenut li jissorvelja l-flus li kellu fil-kustodja tieghu, u l-aqwa mod li jaghmel dan, kien li jgorrhom mieghu. Ghalhekk f'dan is-sens qed jinghad li l-konvenut kien negligenti meta halla l-flus fil-van kif inghad u konsegwentement ghandu jirrispondi ghan-nuqqas taghhom. Ghandu jinghad li ghalkemm mhux pruvat li huwa vero-simili li l-kumpanija taghti direttiva biex flus ma jithallewx fil-van.**

**7. Dwar l-excess ta' mija u hamsin lira (Lm150) li s-socjeta' attrici qed tghid li s-socjeta' attrici kellha thallas minhabba ncidenti li kellu l-konvenut, Sandro Bianco semma zewg incidenti, pero' ma ngiebet ebda prova ohra fir-rigward u ghalhekk it-Tribunal ma jarax li hemm lok illi din it-talba ghall-excess ghandha tigi milqugha.**

**Ghalhekk l-ammont li jirrizulta dovut mill-konvenut lis-socjeta' attrici huwa dak indikat fis-sub para A, B u C tal-para 1 hawn fuq. Dawna b'kollox igibu s-somma ta' tmien mitt lira Maltija u sitta u sebghin lira u sitta sebghin centezmu (Lm876.76).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici limitatament fis-somma tmien mitt lira Maltija u sitta u sebghin lira u sitta sebghin centezmu (Lm876.76) minn liema somma mitejn tlieta u tmenin lira sitta u hamsin centezmu (Lm283.56) jinsabu depozitati l-Qorti u t-Tribunal qed jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici l-imsemmija somma ta' tmien mitt lira Maltin u sitta u sebghin lira u sitta sebghin centezmu (Lm876.76).Bl-imghaxijiet legali li jibdew jiddekorru millum.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez ta’ l-istanzi ghandhom jigu sopportati inkwantu ghal tlett kwarti mill-konvenut u kwart mis-socjeta’ attrici.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------